KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

# MINUTI
## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
## Seba LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 40 Tnejn 17 ta' April 2017

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Ivan Bartolo – Sindku
Keith Cassar-Viċi Sindku
Alex Muscat – Kunsillier
Gianluca Busuttil- Kunsillier
Mario Sammut – Kunsillier
Angele Rapa – Kunsillier
Karl Tanti – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Mark Micallef Costa – Kunsillier
Joseph Gatt – Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
James Cassar – Kunsillier
Rachel Tua – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

### Minuti
Is-Sindku Ivan Bartolo ippresjeda l-laqgħa.

### 40.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija. Is-Sindku talab li għal laqgħa li jmiss il-kunsilliera jieħdu deċizjoni fuq liema huma l'apoloġiji li għandhom jiġu aċċetati bħala validi.

### 40.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 38 u Minuti Nru 39
Il-minuti tat-tmienja u tletin (38) laqgħa li saret nhar it-Tnejn 13 ta' Marzu 2017 ġew approvati unanimament.

### 40.2.1 Punti mqajma mil-minuti Nru 33.3.10

Il-Viċi Sindku Keith Cassar, qal li l'ex Sindku Edwin Vassallo staqsa lil Ministru Jose' Herrera dwar min se jieħu ħsieb il-Ġnien L-Għarusa tal-Mosta wara li 'l-ġnien jiġi *refurbished.* Ir-risposta kienet fil-pożittiv li għandu jieħu ħsiebu 'l-kunsill. Għalhekk il-Viċi Sindku talab li din tiġi diskussa.

Is-Sindku qal li fil-fatt fl'aħħar laqgħa ġie deċiż li 'l-kunsill għandu jiddeċiedi f'din il-laqgħa. Is-Segretarju Eżekutiv bħala kap finanzjarju, ġibdet l'attenzjoni lil kunsilliera biex joqgħodu attenti u jevalwaw l'ispejjes li jġorr miegħu dan il-ġnien, għax biex jiġi mantenut fi'stat tajjeb jinvolvi ħafna spejjes.

Il-Viċi Sindku Keith Cassar qal li jemmen li ġnien bħal dan għandu bżonn mhux biss manutenzjoni kontinwa, imma ġardinar *full-time*. Għalhekk issuġerixxa li għandna nitkelmu mal-gvern biex il-piż jinqasam (*Option 1*).

Il-Kunsillier Alex Muscat, qal li *option 2* nistgħu nerġgħu nitkelmu ma' l-MCAST minħabba li issa ħa jkollhom ġnien irranġat, u nistaw nitolbu biex ngħollu r-renta kif wkoll naqblu fuq ħinijiet ġodda. Jew *option 3* li noħorġu PPP, u jkollna devoluzzjoni tiegħu, fejn jkun obligu tal-kunsill biex il-ġnien jiġi mantenut.

Il-Kunsilliera qablu li nipruvaw għal *option 1*, għalhekk il-kunsillier Alex Muscat ħa jorganizza u jikkordina *meeting* biex issir diskussjoni mal-gvern biex niddiskutu kif il-piż tal-ġnien jista jinqasam, u titella bħala *agenda item*, fil-laqgħa li jmiss.

- F'dan il-ħin 20:24, il-Kunsilliera Dr. Angele Rapa waslet għal laqgħa.

### 40.2.2 Punti mqajma mil-minuti Nru 33.2.3

Il-Kunsillier Alex Muscat staqsa dwar il-ġebel tal-*Parkour,* s-Sindku Ivan Bartolo nforma li qed jieħu ħsieb biex naraw kif nistaw ineħħu 'l-ġebel tal-*Parkour* peress li l'ispiża titla għal madwar 4,000 Ewro.

### 40.2.3 Punti mqajma mil-minuti Nru 33.3.2

Il-Kunsillier Alex Muscat staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk ġibna kwotazzjonijiet fuq kemm jiswa *tarmac* jew *concrete imprints* biex jsiru Triq il-Ġnejna, Triq Dun Mikiel Scerri u Triq Charles Vassallo. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li saret talba lil Perit Etienne Magri, imma għadu ma' irrispondhiex.
Peres li għadna bla risposta, il-Kunsilliera talbu li nitolbu għal *quotes* mingħand *suppliers* jew kuntratturi oħra, jew jinħareġ *tender.*

## 40.3 Komunikazzjoni mis-Sindku/Korrispondenza

### 40.3.1 Triq Palazz ta' Kaspru u Triq Sta. Margerita

Il-Viċi Sindku Keith Cassar spjega li kienet saret *petition* imressqa mil-Kunsillier Alex Muscat fejn Triq Palazz ta' Kaspru issir *one-way.* Pero' meta saret din il-*one-way,* Triq Sta. Margerita ma baqgħetx tiflaħ għat-traffiku li kien għaddej, minħabba il-fatt li din it-triq hija idjaq min Triq Palazz ta' Kaspru, u biex tikser hija *blind corner* aparti li kif wieħed jikser issib residenza u garaxx. Dan il-garaxx bħalissa ma jintużax, imma s-sinjuri li għandna magħna daqt ħa jidħlu f'din ir-residenza, u 'l problema biex wieħed jidħol u/jew joħroġ min dan il-garaxx m'huwiex ta' inkonvenjent, imma ta' periklu u sigurta.

Il-Viċi Sindku qal li kienet saret *petition* fi żmien l'eks Sindku Edwin Vassallo, u l-kunsill kien iddeċieda li jitreġġa kollox lura kif kien, imma d'differenza, li tiġi *one way* bil-kontra u tidħol min Triq Palazz ta' Kaspru. Il-Kunsill irċieva *petition* oħra fejn ir-residenti ilmentaw li jekk jerġa jitreġġa lura kollox kif kien, dan ħa joħloq inkonvenjent. Idealment Triq Palazz ta' Kaspru tiġi b'*one side parking*, għax bħalissa jipparkjaw fuq iż-żewġ naħat tat-triq. Il-Kunsillier Alex Muscat ippropona li kieku Triq Sta. Margerita jgħaddu minnha residenti biss.

F'dan il-ħin is-Sindku Ivan Bartolo qara' l'ittra ta' petizjoni li rċieva 'l-kunsill, wara li 'l kunsill kien bagħat ittra lir-residenti bil-proposta tal-kunsill.

Il-Kunsilliera qablu li tinqeleb lis-*stop sign* għax għada kif kienet, u s-Sindku ħa jkellem lil Transport Malta għal parir espert tagħhom fuq il-*petition* li ntbagħtet, u 'talba tas-sinjuri.

### 40.3.2 Public hearing tat-Targa area

Is-Sindku Ivan Bartolo nforma lil kunsilliera li attendew madwar 40 persuna, u kollha qablu li kollox jibqa kif kien qabel, ħlief li 'l *one way* li toħroġ min Sir Arthur Borton iddur bil kontra, jiġifieri, 'l *one way* issir tidħol min Triq Nikol Muscat, għal Triq Filippo Apap Bologna u toħroġ min Triq Sir Arthur Borton. Triq il-Qares ssir *residential only* jew tidħol *one way.*

Uħud mil-problemi li ssemmew kienu biex joħorġu min tas-Snajja u li taż-żibel ma jistax jikwartja biex jdur.

Ir-residenti talbu jekk jistax jsir *timed parking* għar-residenti, u għalhekk il-Kunsill ħa jagħmel talba lil Transport Malta. Is-Sindku nforma wkoll li għandu laqgħa mal-LESA Ray Zammit.

### 40.3.3 Public hearing Triq Il-Kaħwiela u Triq Tengħud tax-Xagħri

Is-Sindku Ivan Bartolo nforma lil kunsilliera li attendew madwar 20 persuna, u talbu li ma jsirux tibdiliet u jibqa kollox kif inhu.

### Sospensjoni tar-Regolamenti

Saret sospensjoni tal-minuti biex tinqara il-mozzjoni 40.7.

### 40.3.4 Korrispondenza – Ittra mingħand l'Avukat Grech u 'l familja Grech.

Is-Sindku Ivan Bartolo qara' l'ittra, fejn il-familja Grech Mifsud talbu biex l'ilma tax-xita li kien jgħaddi min spralli fi Triq San Gwann jerġa jinġabar fil-bjar taħt il-ġnien, għax meta saret sistema ġdida ta' drenaġġ waqfu l-passaġġ tal-ilma, fejn dan qed jeqleb għan-naħa l'oħra ta' triq u għalhekk m'hemx ilma biex jisaqqa il-ġnien.

Il-Viċi Sindku Keith Cassar spjega li meta saret it-triq fi żmien l-ex Sindku Joe Demartino, il-kanal kien ġie mirdum. Għalhekk dawn saru jafu bil-każ ta' Gollcher fejn kien ingħata rimedju għat-telf ta' l-ilma li kien jidħol għandu. Għalhekk mid-dehra l-avukat Grech qed jitlob l'istess ħaġa.

Il-Kunsill qabel li nirrispondu bl'avukat, għax peress li dawn ix-xogħolijiet saru iktar min 14 il-sena ilu, bil-liġi 't-talba tiġi preskritta wara 10 snin. U li 'l kunsill ma jsibx oġġezzjoni jekk il-familja Grech tagħmel ix-xogħlijiet, dejjem a spejjes tagħha.

**40.3.5 Korrispondenza – Proposta dwar ktieb ġdid fis-suq lokali**

Il-kunsilliera qablu li 'l kunsill jixtri żewġ kotba għal librerija.

- F'dan il-ħin 21:35, il-kunsilliera Angele Rapa talbet biex tiġi skużata għax kella bżonn titlaq.

**40.3.6 Korrispondenza – Sale of Plants re Mothers Day**

Iż-żagħżagħ ta' Soċjeta Filarmonika Nicolo' Isouard, fi 12, 13 u 14 ta' Mejju mit-8:00am sa 8:00pm talbu permess biex jagħmlu *sale* ta' pjanti fil-pjazza.

Il-Kunsilliera qablu li permessi fil-pjazza fuq il-bankina biswit tar-rotunda, jingħataw biss lil għaqdiet tal-Mosta, għalhekk din l'applikazzjoni ġiet approvata.

**40.3.7 Kommunikazjoni - Re-Laqgħa tal-Bord Aġġudikazzjoni**

Il-Kunsilliera ġew infurmati li saret l'aġġudikazjoni mil-bord, u t-*tender* ingħata lil Northern Cleaning. Il-Kunsilliera ġew infurmati li bħala nies in-Northern Cleaning kellu aktar, u bħala vetturi t-tunnellaġġ ta' ġbir kien aktar min dak ta' WM Environmental Ltd.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li nfurmat lil *Public Contracts Review Board* u bagħtet il-minuti biex jikkonfermaw li din id-darba l'evalwazjoni saret kif kien mitlub, biex nkunu nistaw ninfurmaw lil Kuntratturi, pero' wara ħafna *reminders* u telefonati, ġejna nfurmati li ma setawx jtuna l'ebda risposta jekk il-bord tal-kunsill ħadimx dan it-*tender* kif mitlub min għandhom fl'ittra datata 3 ta' Awwissu 2016, u qalulna biex jiddeċiedi 'l-Kunsill.

**40.3.8 Korrispondenza – Email -one Way sign Triq il-Fortizza**

Is-Sindku nforma li wara li din ġiet diskussa, ir-resident Malcolm Pace reġa ikkomplanja, u għada ħa jiddiskutija ma Ray Zammit (LESA).

40.3.9 Korrispondenza - Clothes Bank

Is-Sindku nforma li kiteb Brian Cardona fejn f'ħafna irħula qed jitpoġġew b'xejn tipo ta' *skips* fejn jinġabru ħwejjeġ użati li jiġu reċiklati.

Il-kunsilliera qablu li nindikaw sit biex jitpoġġa dan il-*clothes bank.*

40.3.10 Kommunikazjoni - Twissija għal Default Notice

Il-kunsilliera ġew infurmati li WM Environmental Ltd, inħarġitlu *default notice* wara twissijiet biex jipprovdi rapport tax-xogħlijiet.

40.3.11 Kommunikazjoni - Case 102/2017 DTR Invoices

Is-segretarju Eżekutiv talbet linja gwida mid-dipartiment (DLG), peress li dawn kienu xogħolijiet li saru fil-passat, u ma hemmx *works order.* Id-dipartiment informa biex id-deċizjoni ttieħed mil-kunsill, u biex din is-sitwazzjoni ma terġax tirrepeti ruħa.

Il-Kunsilliera qablu li 'l Perit jitħallas, u jiprovdi ix-xogħlijiet li saru relatat ma' l-*invoices* pendenti.

40.3.12 Kommunikazjoni - Minutes re Laqgha pubblika Triq il-Kahwiela u Triq Tenghud tax-Xaghri

Is-Sindku nforma li 'residenti talbu li kollox jibqa kif inhu.

40.3.13 Korrispondenza - Talba biex tissemma Triq għal Freddie Micallef

Is-Sindku fuq suġġeriment tiegħu, għamel talba biex tissemma Triq għal Freddie Micallef, u informa lil kunsilliera li kellu laqgħa fejn ġiet issuġerita Triq Fabrizio Bartolo, pero' ma kienx hemm qbil. Il-Kunsillier Alex Muscat issuġġerixxa li ngħażlu toroq li għadhom bla isem, bħat-triq li tgħaqqad il-Bidnija mal-Mosta.
Il-kumitat tat-tismijja tat-toroq qalulna wkoll, f'waħda mil-laqgħat li attenda s-Sindku u Segretarju Eżekutiv, biex nagħżlu toroq li għadhom bla isem.

- F'dan il-ħin 22:00, il-Viċi Sindku Keith Cassar talbab biex jiġi skużat għax kellu bżonn jitlaq.

40.3.14 Korrispondenza - Bollards fi Triq id-Dawr Mosta

Is-Sindku qara' l-ittra mingħand is-Sur Joseph Bezzina, u nforma lil kunsilliera li min Triq l'Antinni għal Triq id-Dawr hija dejqa u qed jgħaddu ħafna karozzi, u resident talab biex jitwaħħlu *bollards* fit-tarf tat-triq għas-sigurta' tar-residenti u tal-madwar, minħabba abbuzi ta' sewqan. Għalkemm saru xi tabelli/sinjali fil-passat dan kien kollu għalxejn.

Il-Kunsilliera qablu li *bollards* ħa joħolquinkonvenjent, għalhekk sar qbil li ssir *speed bump,* u tabelli/sinjali.

## 40.3.15 Kommunikazjoni - MYEC (Mosta Youth Empowerment Centre)

Il-Kunsillier Gianluca Busuttil informa lil kunsilliera fuq il-laqgħa li saret ma Anna Maria Grech (Coordinator Youth Worker), fejn il-kunsill talab rapport peress li ma nafux eżatt x'qed jiġri, bħal għanijiet tal-proġetti, ħinijiet ta' ftuħ etc, biex jkollna iktar *accountability.*

Is-Sindku nforma wkoll li fil-futur qarib il-*premises* tal-Mosta Youth Empowerment Centre ħa tkun is-Sala tal-Komunita, fejn ħa nifrankaw wkoll il-flus tar-renta fejn qed jinkera bħalissa.

## 40.3.16 Korrispondenza - Rosaline Xuereb

Is-Sindku qara' l-ittra tar-residenta fejn talbet biex jitwaħħlu *U-Bars*, għax xi ħadd irriversja u daħal fil-parapett, fejn sar dannu għax is-sewwieq waqqa' il-ħajt. Il-Kunsilliera qablu li dan kien *a one-off freak accident*.
Il-kunsilliera qablu li ma jistax jkun nimlew il-Mosta bil *U-Bars* sempliċiment għax in-nies jitolbuhom, għalhekk din it-talba ma ġietx approvata, peress li 'bankina wiesgħa ħafna, (il-bankina dopja u anke kważi tripla mil-wisa'), u dan kien rapport wieħed, u mhux *area* li hija *accident prone.*

## 40.3.17 Korrispondenza - SAMB/38/2014 Request for formal investigation Green MT

Is-Segretarju Eżekutiv infurmat lil Kunsilliera li 'l Kunsill jħallas parti żgħira. In-Northern Cleaning jibgħatu *invoice* lil Kunsill, il-kunsill jħallas imbagħad jibgħat *invoice* lil GreenMT, fejn huma imbagħad jirrifonduna lura parti mil-*invoice.*

Il-Kunsillier Alex Muscat informa li qed niksru 'l liġi għax hemm ftehim li 'l kunsilli lokali mhux suppost jħallsu għal ġbir tal-borża 'l griża. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li qed timxi ma' kuntratt li 'l kunsill kien iffirma mal-Green MT.
Il-Kunsillier Alex Muscat qal li suppost il- GreenMT u GreenPak jibgħatu l-*invoice* huma lil kuntratturi, u 'l kunsilli ma jiġux invoicejati għax *fully financed* mil-GreenMT u mil GreenPak, fil-fatt mhux aħna biss imma anke kunsilli oħra qed iħallsu 'l flus għalxejn. Għalhekk l'*agreement* li kien iffirma 'l kunsill ma jimxix ma' kif titlob il-liġi. Dan il-kas bħalissa qed jiġi nvestigat mid-dipartiment.

Il-Kunsillier Alex Muscat ħa jiprovdi 'l liġi biex nkunu nistaw niltaqaw mal-GreenMT.

## 40.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Tweġibiet saru fuq il-punti li tqajmu.

40.5 Rapporti

40.5.1 Kuntratt tal-Lift

Ħa jerġaw jintbagħtu l-punti li Segretarju Eżekuttiv għamlet fuq l-aħħar kuntratt li ntbagħat, għal *feedback* tal-kunsilliera.

40.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

40.6.1 Skeda ta' pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

40.6.2 Purchase Orders

Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

40.6.3 Works Orders

Il-works orders ġew diskussi u approvati unanimament.

40.6.4 Petty Cash

Il-petty cash ġew diskussi u approvati unanimament.

40.7 Mozzjonijiet

40.7.1 Mozzjoni Nru 1/2017 – Proġett dwar l-underground parking fil-Mosta

Il-mozzjoni inqrat mis-Sindku Ivan Bartolo, u Segretarju Eżekutiv saqsiet jekk kienx hemm xi ħadd mil-kunsilliera li xtaq jikkumenta qabel ma jittieħed il-vot mil-Kunsilliera preżenti.

Il-Kunsillier Alex Muscat talab il-membri tal-Kunsill biex jsibu kompromess fuq din il-mozzjoni. Il-Kunsillier Alex Muscat spjega li 'l-proġett beda mil-Kunsill bi qbil, u ġie proponut lil Gvern, fejn imbagħad *Projects Malta* għamlet studju. Kif ħareġ mil-laqgħa ta' lum ma *Projects Malta*, il-bord huwa magħmul min żewġ min nies, pero' jekk finalment ir-rappreżentant tal-knisja ma jkunx komdu bid-deċizjoni tal-bord, possibilment il-proġett ma jkompliex. Jista jkun wkoll li 'l-bord jaqbel jew ma jaqbilx bejnietu.

Għalhekk il-Kunsillier Alex Muscat talab biex il-Kunsill jżomm mad-deċizjoni oriġinali li ħa 'l-kunsill, u fakkar lil kunsilliera li dan il-proġett mhux *car park* biss, imma wkoll *public open space* flok il-*car park* eżistenti. Qal wkoll li hu għad jrid jiġi konvint, li 'l proġett jista jkun ta' dannu.

Il-Viċi Sindku Keith Cassar qal illi skond il-laqgħa ta' lum ma *Projects Malta,* il-Kunsill mhux ħa jkollu aċċess għat-*technical reports* ħlief iż-żewġ membri tal-bord. Il-Viċi Sindku qal wkoll li mil-laqgħa tal-lum ma *Projects Malta* ħareġ li għad ma kellhomx laqgħa mal-Kurja, imma jekk il-Kurja ma taqbilx mat-*technical report* tal-Gvern il-proġett jaqa', u mil-laqgħa ħa l'impressjoni li r-rapport ta' Perit A jrid jaqbel ma dak ta' Perit B. Veronique Dalli (*Projects Malta)* qalet li mhux neċċessarjament, mela jekk le kif se naslu għal kompromess ta' l'*evaluation committee?*

Il-Viċi Sindku qal li ma jistax jifhem jekk l'*evaluation committee* jasal biex ma jaqbilx bejnietu, x'se jiġri? Ħa nibqaw inkarkru? Għalhekk Il-Viċi Sindku qal illi xi tip ta' informazzjoni 'l-Kunsill jrid jkollu, mhux ir-risposti min *Projects Malta* kienu 'ma nistax ngħidlek', u l-Kunsill huwa parti min dik l'awtopsja biex jkun jista jżomm infurmat il-pubbliku ta' hemm barra, b'mod speċjalment in-nies tal-Mosta.

Il-Kunsillier Frans Deguara rrimarka l-ewwel nett li l-laqgħa li saret minn Projects Malta qabel il-laqgħa tal-Kunsill saret proprju llum fuq l-insistenza ta' Project Malta, u r-raġuni ċertament li hi proprju l-mozzjoni li ġiet imressqa llum. Infatti riedu jagħmlu laqgħa filgħodu stess f'Tigne Point, Tas-Sliema. Huwa sostna li huwa jaqbel mal-prinċipju ta' proġett ta' parkeġġ taħt l-art fil-Mosta, imma mhux madwar ir-Rotunda. L-aktar biswit il-knisja għax żgur li hu ta' periklu għall-bini tar-Rotunda. Huwa kompla qal li barra l-petizzjoni ta' madwar 5,000 firma li tressqet mir-residenti Mostin, huwa tkellem ma' xi periti u kostrutturi tal-bini, u kollha kienu tal-opinjoni li t-tħaffir għal żoni A u B jista' jkun ta' periklu għall-bini tal-knisja monumentali li għandna fil-Mosta. Barra minnhekk ix-xewqa tal-maġġoranza kbira tar-residenti Mostin hi li ma jridux li ssir xi ħsara lill-knisja.

Il-Kunsillier Frans Deguara staqsa, kemm lir-rappreżentanti ta' Projetcts Malta kif ukoll waqt il-laqgħa tal-Kunsill, jistax jinbeda x-xogħol fuq il-parkeġġi ta' żona C u D, imbagħad wara li ssir evalwazzjoni sewwa tal-bini, jaraw hux vijabbli li jsir almenu dak ta' wara l-knisja, flok il-bandli. Huwa staqsa għal darba darbtejn jekk iż-żoni msemmija fil-proġett intgħażlux mill-gvern (kif kien sema' minn barra, peress li dak iż-żmien huwa ma kienx jifforma parti mill-Kunsill), u r-risposta kienet li l-għażla tal-4 zżni kienet mill-Kunsill. Hawn irrisponda li jekk hu veru hekk, dan juri li ma għandhomx għal qalbhom il-Mosta. Għalhekk huwa ssekonda l-mozzjoni għax huwa konvint li dik kienet ix-xewqa tal-moġġoranza kbira tar-residenti Mostin.

Il-Kunsillier Alex Muscat fakkar lil membri, li 'l kunsill kien oriġinarjament iddiskuta 'u tefa' t-talba li 'l-*car park* jsir fejn ir-Rotunda, imbagħad wara ġew iproponuti s-siti l'oħrajn Ċ u D. Is-Sindku qal li dak iż-żmien kien Viċi Sindku u ma jidirlux li kien infurmat jew li ġew diskussi siti A u B li huma fejn ir-Rotunda.

Is-Sindku saqsa biex jittieħed vot għal mozzjoni li ġiet preżentata. Il-Kunsillier Alex Muscat qal li xtaq jagħmel proposta u issir emenda tal-mozzjoni, billi l-mozzjoni tinżamm u jitneħħew fejn qed nirtiraw l'appoġġ ta' biswit u ta' wara 'l knisja, għalhekk inżommu l'appoġġ tal-kunsill u tiżdied nota fl'aħħar; fejn il-Kunsill jtenn l'approvazzjoni u l'appoġġ għal proġett, imma li nkunu assigurati li jekk jiġu ikkunsidrati zoni A u B aħna nkunu assigurati li ma ssirx ħsara lil knisja.

Is-Sindku ma qabilx, u talab li jittieħed il-vot. Il-Kunsilliera ivvutaw 5 favur, u 5 kontra. Peress li ġew 5 favur, u 5 kontra, is-Sindku kellu juża l-*casting vote*.

Il-mozzjoni għaddiet b'6 voti favur u 5 voti kontra, hekk kif inhu ġej;

**Kontra** - Alex Muscat
- Maria Pia Bonnici
- Mark Micallef Costa
- Mario Sammut
- Joseph Gatt

**Favur** - Ivan Bartolo (vot u *casting vote)*
- Frans Deguara
- Angele Rapa
- Gianluca Busuttil
- Karl Tanti

**Astjena** - Keith Cassar

- F'dan il-ħin 21:15, il-kunsillier Joseph Gatt talab biex jiġi skużat għax kellu bżonn jitlaq.

Wara li ittieħed il-vot Il-kunsillier Alex Muscat għamel premessa jekk il-Kunsill jistax jibdel id-deċizjoni fi spazju ta' sitt xhur, għax legalment ma tistax tinbidel deċizjoni ta' din in-natura qabel is-sitt xhur. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tiċċekja l-minuti tal-laqgħat li saru fuq il-*car park.*

- F'dan il-ħin 21:27, il-kunsillier Karl Tanti talab biex jiġi skużat għax kellu bżonn jitlaq.

**40.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet **10:30 pm** u ġiet aġġornata għat-**Tnejn 15 ta' Mejju 2017 fis-7.30pm.**

Konfermati llum **17 ta' April 2017.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Ivan Bartolo | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |